MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2007

Talba Numru. 4/2004

**Albert Sciberras**

**Vs**

**SMS Insurance Agency Limited in rapprezentanza tas-socjeta estera Ecclasiastical Insurance**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta Dicembru 2003 fejn
intalab li s-socjeta konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lill-
attur is-somma ta elf u hames mitt lira (Lm1500) jew somma verjuri
rapprezentanti l-valur ta diversi oggetti assikurati mas-socjeta
konvenuta taht polza ta assikurazzjoni tat-tip householder's policy

liema oggetti nsterqu mill-fond proprjeta tal-attur u cioe 1B House 3
Tax-Xtut, Salina, Qawra, f'Jannar 2002.
Bl-ispejjes inkluzi dawk ta ittra interpellatorja datata 13 ta Awissu 2003 bl-imghax kontra s-socjeta konvenuta minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta datata 28 ta Jannar 2004 fejn ikkontestat t-talba attrici invista tal-fatt li l-polza in kwistjoni kienet nulla stante li kien hemm "non-disclosure of a material fact" da parti ta l-istess attur meta rrisponda fin-negattiv ghal-domanda numru 15a fil-proposal form hawn annessa Dok A mentri fil-fatt jirrizulta li kien sofra dannu fl-istess fond ftit qabel ma mela l-istess proposal form kif jidher fil-claim form esebita Dok B. Bl-ispejjes.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti partikolarment l-atti tal-kawza quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fejn is-socjeta konvenuta qed titlob in-nullita tal-polza u kif ukoll is-sentenza moghtija fl-istess kawza li ghaddiet in gudikata kopja ta liema tinsab ukoll esebita fil-process bhala Dok A a fol 28 et seq tal-process fejn gie deciz u konkluz li l-polza in kwistjoni hija nulla u bla effett skond il-ligi.

Sema t-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri tal-partijiet partikolarment dwar il-kap tal-ispejjes in vista tal-fatt li s-sentenza tal-Prim Awla kienet inghatat waqt il-mori ta l-odjerni proceduri.

Ikkunsidra.

Illi ma hemmx dubbju li per konsegwenza tas-sentenza fuq citata tal-Prim Awla it-talba ta l-attur spiccat priva minn kull-fondament legali u kwindi ma tista qatt tigi akkolta legalment.
Dwar il-kap tal-ispejjes jinghad li ghalkemm huma minnu li s-sentenza tal-Prim Awla nghatat waqt il-mori ta dawn il-proceduri, huwa minnu wkoll li l-attur kien jaf ben tajjeb meta mela l-proposal form meritu ta dina l-kawza illi anqas

minn xahar qabel ma kien ffirmha huwa kien intavola claim ta dannu fuq l-istess fond.

Ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, t-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jichad it-talbiet tal-attur bl-ispejjes kollha ta din l-istanza kontra l-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------